MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2012

Citazzjoni Numru. 137/1995/1

**John Micallef**

**Vs**

**Anthony u Rita mizzewwgin Camilleri u b'digriet tat-22 ta' Mejju 1995 ssejhet fil-kawza Arrow Enterprises Limited**

**Citazzjoni**.

Permezz ta' citazzjoni prezentata fil-31 ta' Jannar 1995 l-attur ippremetta:-

Il-konvenuti huma sidien tal-appartament numru 1, f'blokk appartamenti maghruf bhala Buzu Flats, f' Gioacchino Navarra Street, Ta' Xbiex akkwistat minnhom minghand il-Perit Walter Caruana Montaldo f'isem Arrow Enterprises Ltd. permezz ta' kuntratt ippublikat min-Nutar Joseph Henry Saydon fil-5 ta' Awissu 1994.

L-imsemmi appartament huwa soggett ghall-hlas ta' cens annwu u perpetwu ta' Lm35 pagabbli lill-attur u huwa sovrapost ghall-basement/garage proprjeta tal-istanti.

Is-saqaf li jiddividi iz-zewg fondi ghandu hsarat konsiderevoli li jekk ma jissewwewx huma ta' periklu ghall kull min jokkupa l-istess fondi.

L-attur kien informa lill-Perit Walter Caruana Montaldo b'dawn il-hsarat u interpellah biex jiehu passi biex jigu rimedjati imma dan mhux biss ma ghamel xejn imma ittrasferixxa il-fond lill-konvenuti minghajr ma ipprovda ghall-istess hsarat.

L-attur ghandu jircievi Lm 35 cens fis-sena ghall dawn l-ahhar sitt snin.

Il-konvenuti bhala aventi causa tal-imsemmi Walter Caruana Montaldo nomine, infurmati bl-ezistenza tal-hsarat u arretrati ta' cens, deherilhom li m'humiex responsabbli la ghat-tiswija imsemmija u lanqas ghall-hlas.

Dan in-nuqqas tal-konvenuti qed jikkaguna hsara lill-attur li ma jistax juza liberament il-proprjeta tieghu minhabba il-hsara imsemmija.

Ighidu il-konvenuti ghaliex din il-Qorti ma ghandiex :

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-saqaf li jiddividi l-appartament numru 1 fil-Blokk maghruf bhala Buzu Flats, f'Gioacchino Navarra Street, Ta' Xbiex proprjeta tal-konvenuti mill-basement sottostanti proprjeta tal-attur huwa fi stat perikoluz u jihtieglu tiswijiet.
2. Tordna li l-istess tiswijiet isiru.

3. Tikkundanna lill-konvenuti jikkontribwixxu u jhallsu is-sehem taghhom mill-ispiza necessarja involuta fl-istess tiswijiet.
4. Tinnomina perit biex jistabilixxi u jissorvelja it-tiswijiet ghall fini ta' talbiet fuq imsemmija u
5. Tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-istanti is-somma ta' Lm210.00,0 ghall hames snin cens dovuti fuq l-l-appartament fuq imsemmi ghas-snin 1989 sa 1994 inkluzivament.

**<u>Nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti Camilleri.</u>**

1. Illi l-eccipjenti akkwistaw il-proprjeta' *in buona fede* u la issemmew u lanqas deheru hsarat u anqas qatt ma l-l-venditur semma' li kien hemm xi arretrati ta' cens.
2. L-esponenti la ma' kienu jafu u anqas ma' gew infurmati li precedentement ghall-akkwist tal-fond da parti tal-esponenti l-attur kien wissa lill-Perit Walter Caruana Montaldo nominee dwar hsarat u li kien tqabbad il-Perit Godwin Aquilina dwar l-istess hsarat u li l-attur kien ghamel protest gudizzjarju kontra il-Perit Walter Montaldo nomine.
3. Illi l-eccipjenti la kienu jafu u anqas gew infurmati li meta sar l-att tal-akkwist da parti taghhom l-Perit Walter Caruana Montaldo nomine kien fadallu ihallas xi cens lill-attur.
4. Illi ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda fil-konfront tal-eccipjenti u l-esponenti ihossu li hu xieraq li jissejjah fil-kawza l-imsemmi Perit Walter Caruana Montaldo noe.
5. B'riserva ta' kull azzjoni talvolta spettanti lill-eccipjenti kontra l-Perit Walter Caruana Montaldo proprio et nomine.

**<u>Nota ta' eccezzjonijiet ta' Arrow Enterprises Limited</u>**[1].

1. It-talbiet attrici jirrigwardaw tiswija ta' hsara, l-azzjoni kif dedota kontra l-esponent nomine hi preskritta skond l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

[1] Prezentata fis-16 ta' Jannar 1996 (fol. 25). Din il-kumpannija giet kjamata fil-kawza b'digriet li nghata fit-22 ta' Mejju 1995 (fol. 18) fuq talba tal-konjugi Camilleri.

2. L-esponent nomine ma kienx responsabbli ghall-hsara.
3. Il-hsara saret bil-htija tal-attur.
4. Il-hames talba hi preskritta skond l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.
5. F'kull kaz, il-hames talba ghandha tigi michuda ghaliex l-esponent nomine m'huwiex l-enfitewta tal-fond.

**Kjamat fil-kawza ta' Carmela Tonna**.

B'digriet li nghata fit-8 ta' Lulju 1999[2], Carmela Tonna ssejhet fil-kawza. Madankollu ma jirrizultax li qatt giet notifikata bl-atti. Fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2001 id-difensur tal-kumpannija konvenuta ddikjara li Tonna kienet mietet u li talba li tissejjah fil-kawza Frances Galea. Il-qorti laqghet it-talba[3]. Mill-atti jirrizulta li Frances Galea qatt ma giet notifikata bl-atti. Fis-17 ta' Mejju 2001 ipprezentat rikors fejn infurmat lill-qorti li kienet irceviet avviz minghand il-perit tekniku li kien ser isir access. Ikkonfermat li hi bint Carmela Tonna u li kienet irrinunzjat ghall-wirt ta' ommhom. Fil-fatt ipprezentat nota li flimkien ma' hutha Concetta Schembri u Anna Speranza, ipprezentaw quddiem il-qorti volontarja fejn iddikjara li qeghdin jirrinunzjaw ghall-wirt ta' ommhom li mietet fl-1 ta' Mejju 2000. B'digriet li nghata fis-16 ta' Mejju 2003 il-qorti laqghet it-talba ta' Frances Galea sabiex tinhareg mill-kawza u tat *"....lil min ghandu interess zmien ta' xahrejn millum biex jaghmel il-proceduri mehtiega ghal-legittimazzjoni ta' l-atti wara l-mewt ta' Carmela Tonna; fil-kaz illi dawk il-proceduri ma jsirux, il-wirt ta' Carmela Tonna wkoll jinhareg mill-kawza."*[4]. Mill-atti jirrizulta li f'dan ir-rigward qatt ma sar xejn. Ghalhekk il-qorti qeghda thassar id-digriet tat-8 ta' Lulju 1999 li bih kienet issejjhet fil-kawza Carmela Tonna.

**Konsiderazzjonijiet**.

1. Il-kawza titratta talba sabiex tinbidel l-art tal-appartament tal-konjugi Camilleri, li jigi s-saqaf tal-

[2] Fol. 37.
[3] Ara verbal a fol. 65.
[4] Fol. 98.

ambjenti proprjeta tal-attur. Il-konvenuti jsostnu li ghandhom jigu minimizzati l-ispejjez fis-sens li t-tiswija ghandha ssir bit-tqeghid ta’ travi. Jirrizulta wkoll li l-konvenuti krew il-fond taghhom, b’dan li fi klawzola 4b jinghad:-

*“The Lessee is aware that there is a pending court case No 137/95GCD regarding the structure of the premises in question and he binds himself to all that is necessary for the Lessors to follow any judgement pursuant to the court case or eventual appeal.”*[5].

2. Mill-atti jirrizulta li:-

i. B’kuntratt li sar fid-9 ta’ Novembru 1978 pubblikat min-nutar Dr Tonio Spiteri[6], l-attur xtara minghand C.P.L. Developments Limited l-appartament numru 1 f’Busu Flats, 46, Triq ix-Xatt, Ta’ Xbiex, flimkien ma’ dak li jissejjah bhala basement cjoe’ l-ambjent li jigi taht l-appartament li llum hu proprjeta tal-konjugi Camilleri.
ii. B’kuntratt li sar fil-5 ta’ Awwissu 1994 l-konjugi Camilleri xtraw l-appartament numru 1 minghand Arrow Enterprises Limited.

3. Fir-rapport addizzjonali li pprezentaw il-perit teknici:-

i. Jinghad li is-saqaf *“....huwa fi stat hazin hafna billi faqqa’ l-konkos u nkixfet ix-xibka li deheret li ssadded tant li f’diversi partijiet inqatghet (ritratti 03, 04, 05, 06, 09, 10). Il-kamra ta’ quddiem hija mzaqqa sostanzjalment u waqt l-access kellha puntal jirfidha min-nofs taghha.”*[7].
ii. Inghatat stima ghal bdil tas-saqaf (€14,809) u stima ghat-tqeghid ta’ travi (€8,968). Ghal dak li jikkoncerna l-istima ghal bdil tas-saqaf, tinkludi spejjez relatati ma tibjid tal-kamra ta’ quddiem u tieni kamra tal-fond tal-attur, xoghol tal-elettriku, tqeghid ta’ torba u madum, xoghol ta’ drains u kamra tal-banju fl-appartament tal-konvenuti. Fir-realta’ l-istima tal-ispejjez ghat-tibdil tas-saqaf, mhux inkluz finishings, hi orhos milli

[5] Dok. YM7.
[6] Dok. JMX.
[7] Fol. 199.

kieku wiehed kellu jqieghed travi tal-hadid taht is-saqaf. Ghalkemm il-konjugi Camilleri kkonstestaw l-istima tal-periti addizzjonali jekk kellhom jitqieghdu t-travi, l-istess periti spjegaw kif waslu ghal dik l-istima[8].

iii. Taw l-opinjoni li jkun ahjar jekk jinbidel is-saqaf ghaliex:-

*1. Il-fond tal-attur huwa diga baxx hafna u ghalhekk id-dhul ta' dawn it-travi ibaxxu ulterjorment il-floor to ceiling height.*

*2. Iridu jiddahhlu numru konsiderevoli ta' travi tal-hadid (30) wiehed f'post li huwa pjuttost zghir u baxx.*

*3.* ***<u>F'kaz ta' stuttura ta' saqaf perikolanti, minn aspett tekniku huwa dejjem konsiljabbli illi s-saqaf jitbiddel flok jissewwa billi bit-tiswijiet, l-element perikolanti (cioe il-konkos u r-rinforz tas-saqaf) ikun ser jibqa fuq il-post</u>***[9] (enfazi tal-qorti).

4. L-ambjenti li jifformaw parti mill-proprjeta tal-attur huma baxxi hafna. Fil-fatt f'rapport ulterjuri li kien ghamel l-ewwel perit tekniku, il-perit David Pace, jinghad:-

*"L-esponent jerga' jfakkar illi hlief fl-ewwel kamra illi jidher illi kienet sa mill-bidunett tintuza billi kellha gholi ta' seba' (7) filati u ghandha l-art tal-konkos u l-hitan kienu mkahhla u mbajda, fil-parti ta' gewwa kif diga' iddeskriva l-esponent fl-ewwel relazzjoni tieghu l-ambjenti huma x'aktarx il-pedamenti tal-blokka milli kontinwazzjoni tal-fond ma' l-ewwel kamra ta' barra. Fl-istat illi jinsabu fihom illum dawn l-ambjenti zgur ma jistghux jintuzaw sabiex jaqdu skop kummercjali, wisq anqas residenzjali ghaliex huma baxxi hafna tant illi wiehed irid jitbaxxa u jghaddi kwazi gharkubtejh matul il-passagg sabiex jaccedi minn ambjent ghall-iehor. L-ewwel ambjent fih gholi ta' seba' (7) filati biss u ghalhekk l-anqas ma huwa utilizabbli bhala fond*

---

[8] Ara traskrizzjoni tad-deposizzjoni li taw il-periti Valerio Schembri u Mario Cassar fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2011 (fol. 231).

[9] Fol. 200. Inoltre wara digriet li nghata fid-29 ta' Frar 2008 (fol. 158) li permezz tieghu il-qorti talbet lill-ewwel perit tekniku sabiex jiddikjara, fost'affarijiet ohra, *"jekk huwiex aktar konsiljabbli illi s-saqaf jinbidel flok jissewwa"*, iddikjara:- *"fic-cirkostanzi huwa aktar konsiljabbli illi s-saqaf jinbidel ghal kollox flok illi jissewwa anke peress illi* ***<u>t-tiswija ma teskludix illi s-saqaf ikompli jiddeterjora fl-irqajja fejn sal-mument dan ma garax</u>*** *u dan minhabba l-kwalita tax-xoghol kif diga' esprima l-eponenet fir-relazzjoni originali tieghu."* (fol. 170).

*abitabbli u wisq anqas fond kummercjali billi gholi tieghu ma huwiex aktar mill-minimu rikjest mir-regolamenti. L-ambjenti interni huma gholjin biss hames (5) filati ghaliex l-art gewwa hija aktar gholja mil-livell ta' l-art tal-kamra ta' barra."*[10].

Certament li m'hemm xejn milli qieghed izomm lill-attur milli jaghmel uzu mill-ispazju li hemm fl-ambjenti ta' taht is-saqaf bhal izomm xi affarijiet fihom, ghalkemm il-qorti ghandha d-dubji kemm dan hu realistiku mehud in konsiderazzjoni li l-periti teknici kollha kkonfermaw il-presenza ta' umdita' qawwija. Pero l-qorti ma tistax tindahal lill-attur dwar dak li jiddeciedi li jaghmel bi hwejgu, irrispettivament tal-gholi li hemm taht l-appartament tal-atturi hu baxx hafna. Rilevanti wkoll l-osservazzjoni li ghamlu l-periti addizzjonali li jekk minflok tibdil tas-saqaf jitpoggew travi, *"....il-valur tal-fond tal-attur u kif ukoll l-utilita tieghu jonqsu radikalment."*[11].

5. Meqjus dak li rrelataw il-perit teknici, il-fehma tal-qorti hi li s-saqaf ghandu jinbidel. Il-periti addizzjonali kienu cari li minkejja tqeghid ta' travi, l-element ta' periklu kien ser jibqa' hemm. Il-qorti ma tistax tiskarta opinjoni bhal din. Dan apparti l-konsiderazzjoni l-ohra li jekk jitqieghdu t-travi, l-ambjenti proprjeta tal-attur jispiccaw minghajr utilita'. Ta min issemmi wkoll li fil-kuntratt ta' akkwist tal-konjugi Camilleri jinghad car u tond li taht l-appartament numru 1 hemm basement. Il-konvenuti ma ressqux xi difiza fis-sens li hemm xi parti taht l-appartament taghhom li mhux inkluz fit-titolu li ghandu l-attur. Inoltre, ghalkemm fic-citazzjoni l-attur qieghed jitlob

---

[10] Fol. 171.

[11] Fol. 203; *"Kif inghad aktar qabel it-tiswijiet jinkludu d-dhul ta' ammont sostanzjali ta' travi li jnaqqsu l-floor-to-ceiling height tal-fond tal-attur. Il-fond tal-attur huwa diga' baxx hafna u ghalhekk ma jfilahx aktar tnaqqis. Ghalhekk, fejn fil-kamra ta' quddiem u fit-tieni kamra bniedem jista joqghod bil-wieqfa fl-gholi ezistenti ta' madwar sitt piedi, wara li jsiru it-tiswijiet imsemmija dan ma jkunx aktar possibbli billi d-dhul tat-travi jbaxxu ulterjorment dan il-floor-to-ceiling height. Oltre minn hekk, lanqas l-art tal-fond tal-attur ma tista titbaxxa sabiex tikkumpensa ghad-dhul tat-travi billi kif tidhol fil-fond tal-attur diga hemm targa filata 'l isfel mill-bankina."*.

li ssir tiswija tas-saqaf, il-qorti hi tal-fehma li l-uzu ta’ din il-kelma ma teskludix it-tibdil[12].

6. Fl-ewwel rapport li ghamel il-perit Pace esprima l-fehma li l-fond tal-attur jikkonsisti principalment fil-garaxx, waqt li *“....l-ambjenti interni huma aktar pedamenti tal-kumplament tal-blokk sovrastanti minn ambjenti illi jiffurmaw parti mill-proprieta li juza l-attur flimkien mal-garaxx.”*[13]. F’dan ir-rigward il-periti addizzjonali, fuq domanda tal-konvenuti Camilleri[14], qalu li: *“F’zewgt ikmamar minnhom hemm velestrun zghir li jaghti ghal barra u billi l-kmamar huma msaqqfa ma jirrizultax illi kienu mirduma.”*. Fil-kuntratt ta’ akkwist tal-attur jinghad li hu xtara wkoll *“underlying basement”* u mhux garaxx jew kamra wahda. Il-kelma “basement” taghti lill-qorti x’tifhem li t-trasferiment kien tal-ambjenti li jigu taht l-appartament numru 1, li allura jinkludu l-kmamar li l-perit Pace ddeskriva bhala pedamenti.

7. Jirrizulta li l-fond tal-konvenuti Camilleri jifforma parti minn kondominju. L-ambjenti tal-attur huma taht il-kondominju, ghalkemm ma jirrizultax li jifformaw parti minnu. Is-saqaf in kwistjoni hu komuni, in kwantu qieghed iservi kemm lill-attur u lill-konjugi Camilleri. Ghalhekk l-ispejjez sabiex jinbidel ghandhom jinqasmu bin-nofs. Pero kull parti ghandha taghmel tajjeb ghall-ispejjez li ghandha bzonn taghmel fir-rigward tal-proprjeta rispettiva taghha[15], bhal per ezempju:-

i. Fil-kaz tal-konjugi Camilleri tibdil ta’ madum u tal-kamra tal-banju.

---

[12] Qeghda ssir din l-osservazzjoni in vista ta’ dak li rrelata l-perit tekniku David Pace f’paragrafu 10(2) tal-ewwel relazzjoni – fol. 138.

[13] Fol. 135.

[14] *"Matul l-ewwel access ma sar l-ebda access fuq il-kmamar ta’ wara li kienu inaccessible wara hajt. Dawn huma pedamenti ? Setghu kienu mirduma ? Mhux kmamar li jistghu jintuzaw. Ma hemmx twieqi. Dawn il-kmamar ta wara lanqas huma biss miksija.”* (fol. 219).

[15] F’dan il-kuntest il-qorti ma tarax ghalfejn ma ghandux japplika l-istess principju li japplika fil-kaz ta’ kondominju (ara Artikolu 12 tal-Kap. 398).

ii. Fil-kaz tal-attur dak ix-xoghol li fir-rapport addizzjonali hu deskritt bhala "xogholijiet ta finituri" fil-fond tieghu[16].

8. Ghalkemm fin-nota tal-eccezzjonijiet il-konvenuti Camilleri qalu li meta xtraw l-appartament ma kellhom l-ebda taghrif dwar il-hsara li kien hemm, dan l-argument ma jista' jkollu l-ebda effett fuq l-ezitu tal-kawza ghal dak li jirrigwarda t-talbiet tal-attur. Gialadarba huma s-sidien tal-appartament numru 1, allura ghandhom jaghmlu tajjeb ghat-tiswija. M'hemmx dubju li t-talbiet numru 1 sa 4 ma setghu qatt jintlaqghu fil-konfront ta' Arrow Enterprises Limited li fid-data meta saret il-kawza kienet diga' bieghet l-appartament numru 1 lill-konjugi Camilleri. Jekk qabel il-bejgh il-perit Walter Caruana Montaldo, li deher ghal Arrow Enterprises Limited fuq l-att ta' bejgh tal-5 ta' Awwissu 1994, ma kienx gharraf lill-konvenuti Camilleri bl-ittra interpellatorja datata 30 ta' Novembru 1989 mibghuta mill-attur[17] u bil-protest gudizzjarju prezentat fil-21 ta' Frar 1990[18], hi materja li tolqot ir-relazzjoni kuntrattwali bejn dik il-kumpannija u l-konjugi Camilleri. F'dan ir-rigward l-attur m'ghandu x'jaqsam xejn. Dan il-fatt il-konjugi Camilleri japprezzawh tant li fil-hames eccezzjoni ddikjaraw li kienu qeghdin jirrizervaw id-drittijiet taghhom fil-konfront tal-perit Walter Caruana Montaldo proprio et nomine.

9. Fir-rigward tal-eccezzjonijiet ta' Arrow Enterprises Limited, jinghad:

i. Ic-citazzjoni li pprezenta l-attur m'hijiex ghal hlas ta' danni. Ghalhekk l-Artikolu 2153 tal-Kodici ma japplikax.
ii. M'hemmx prova li Arrow Enterprises Limited kienet responsabbli ghall-hsara li hemm fis-saqaf.
iii. M'hemmx prova li l-attur hu responsabbli ghall-hsara li hemm fis-saqaf[19]. Ghalkemm il-konvenuti Camilleri argumentaw[20] li l-attur kien involut fil-binja tas-

[16] Ara paragrafu numru 20 tar-relazzjoni.
[17] Fol. 7.
[18] Notifikat lill-perit Caruana Montaldo fl-24 ta' Frar 1990.
[19] F'dan il-kuntest ara l-ewwel rapport tal-perit David Pace kkonfermat bil-gurament fil-11 ta' Mejju 2007.
[20] Ara paragrafu 13 tan-nota ta' sottomissjonijiet.

saqaf peress li *“....kien wiehed mid-diretturi tas-socjeta li bniet l-istess bini.”*. Jekk verament kien direttur tal-kumpannija li ghamlet zvilupp, ma jfissir li l-attur ghandu xi htija.

10. Fin-nota ta’ sottomissjonijiet l-konjugi Camilleri qalu li ma ttiehidx in konsiderazzjoni li t-tibdil tas-saqaf iwassal ghall-periklu li jiggarraf il-blokk ta’ appartamenti. M’hemm l-ebda prova ta’ dan.

11. B’riferenza ghall-hames talba relatata mal-hlas tac-cens, fis-seduta numru XI li saret fl-4 ta’ Novembru 2011 quddiem il-perit legali, gie ddikjarat:-

*“Il-partijiet jaqblu u jiddikjaraw illi c-cens dovu gie mhallas mill-konvenuti Anthony Camilleri u martu Rita Camilleri lill-attur John Micallef, kif mitlub fl-ittri annessi bhala Dok. YM1, YM2, u YM3.”*.

**Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi:-**

**1. Tichad l-eccezzjonijiet li a bazi taghhom il-konjugi Camilleri jippretendu li m’ghandhomx ihallsu sehemhom mill-ispejjez li jridu jsiru.**
**2. Tichad l-ewwel eccezzjoni ta’ Arrow Enterprises Limited bl-ispejjez kontra taghha.**
**3. Tilqa’ t-tieni eccezzjoni ta’ Arrow Enterprises Limited u tichad it-talbiet tal-attur fil-konfront taghha.**
**4. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba, spejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**
**5. Tilqa’ l-kumplament tat-talbiet tal-attur, b’dan li s-saqaf tal-ambjenti deskritti fir-rapport addizzjonali bhala kamra ta’ quddiem, tieni kamra, kamra ohra, kamra ta’ gewwa u kuridur, ghandu jinbidel.**
**6. Ghal dak li jikkoncerna zmien, minhabba li s-saqaf jinsab fi stat perikoluz tordna li x-xoghol isir minnufih. L-ispejjez ghandhom jinqasmu bil-mod li jinghad hawn fuq f’paragrafu sebgha (7).**
**7. Tinnomina lill-perit Alan Saliba sabiex ix-xoghol isir taht id-direzzjoni u supervizjoni tieghu u jsir ukoll dak li pproponew il-periti addizzjonali f’paragrafu**

**wiehed u ghoxrin (21) tar-rapport. Kull stima sabiex isir it-tibdil tas-saqaf ghandha tigi approvata mill-istess perit tekniku.**

**Spejjez ta' Arrow Enterprises Limited a karigu tal-konjugi Camilleri. Salv dak li nghad l-ispejjez tal-kawza jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet, b'dan li l-ispejjez tal-periti addizzjonali ghandhom jibqghu a karigu tal-konjugi Camilleri.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------